MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 620/2012

**Ballut Blocks Services Limited (C8360)**

**vs.**

**Sanjonmar Trading Limited (C28458)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, mija hamsa u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€1,175.16) – rapprezentanti bilanc dovut mis-socjeta` konvenuta ghal materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` intimata mis-socjeta` attrici, fuq inkarigu tal-istess socjeta` intimata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is- somma ta' elf, mija u hamsa u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€1,175.16), bl-imghax legali dekorribbli mis-7 ta' Settembru 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------